# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 466/10MH**

**Illum 28 ta' April, 2017**

**Stephen Gruppetta [K.I. 485465M]**

**vs**

**Environmental Landscapes Consortium Limited (C-30405)**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors guramentat tal-attur** tas-7 ta' Mejju 2010 fejn gie premess:

*"1. Illi l-attur rikorrenti jahdem mas-socjeta intimata;*

*2. Illi l-attur rikorrenti, waqt li kien fil-gurnata tax-xoghol solita tieghu fit-18 ta' Mejju 2008 u precizament waqt li kien fuq il-gibjun ta' Garibaldi limiti tal-Marsa, gewwa Hal-Luqa, bi trakk bowser ta' l-ilma waqt li kien qed jaghmel ix-xoghol tieghu normali, x'hin mar biex ipoggi s-*suction pipe *bejn il-gabina u t-trakk, l-istess* suction pipe *inbarmet u nizlet b'sahha fuq idu l-leminija u ikkagunatlu feriti gravi u dizabilita' permanenti;*

3. *Illii per konsegwenza ta' dan l-incident huwa gie operat f'idejh imma l-operazzjoni kienet prattikament ghal xejn ghaliex ir-rikorrenti ghad baqghalu difett serju f'idejh il-leminija kif se jirrizulta waqt il-provi;*

4. *Illi konsegwenza ta' dan l-incident, l-attur rikorenti sofra danni konsistenti f'damnum emergens u  lucrum cessans, u dan kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u*

5. *Illi ghal tali danni, hija unikament responsabbli s-socjeta konvenuta intimata minhabba traskuragni u peress li s-socjeta` intimata naqset milli tiehu dawk il-muzuri u dawk il-prekawzjonijiet necessarji li setghu evitaw li jsehh l-incident in kwistjoni;*

***Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:***

1. *Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghall-incident li sehh fuq il-post tax-xoghol fit-18 ta' Mejju 2008 u ghad-danni kollha li sofra l-attur rikorrenti per konsegwenza tal-istess incident.*

2. *Tillikwida d-danni sofferti mill-attur rikorrenti, okkorrendo bl-opera ta' Periti nominandi.*

3. *Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur rikorrenti dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra socjeta` konvenuta thallas li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni".*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat.

Rat **ir-risposta guramentata tas-socjeta' Environmental Landscapes Consortium Limited** tat-2 ta' Gunju 2010[1] li permezz taghha ressaq is-segwenti eccezzjonijiet:

***"Tesponi bir-rispett u Dr. Ronald Cuschieri bil-gurament tieghu jikkonferma:***

a) *Illi jiena awtorizzat biex nirrapprezenta lis-socjeta Environmental Landscapes Consortium Limited f'din il-kawza permezz ta' rizoluzzjoni tal-Borg tad-Diretturi tal-istess kumpanija.*
b) *Illi t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta Environmental Landscapes Consortium Limited huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante illi is-socjeta eccipjenti fil-konfront tal-attur u tal-impjegati kollha taghha osservat il-Ligi Maltija u r-regolamenti li jirrigwardjaw is-sahha u s-sigurta fuq il-Post tax-Xoghol u osservat l-obbligazzjonijiet taghha naxxenti mill-istess ligi u regolamenti u b'mod partikolari il-Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malt au regolamenti fis-sehh bis-sahha tal-istess ligi.*
c) *Illi mhuwiex minnu illi s-socjeta esponenti kienet traskurata jew naqset illi tiehu dawk il-prekawzjonijiet necessarji li setghu evitaw li jsehh l-incident inkwistjoni. Ghaldaqstant mhix responsabbli ghall-istess incident.*
d) *Illi l-incident illi fih l-attur wegga sehh unikament minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tax-xoghol u tal-prattika tax-xoghol, mill-attur stess.*

[1] Fol 19 et seq

e) *Illi l-attur kien traskurat u negligenti f'xogholu u l-incident mertu tal-kawza sehh minhabba f'hekk. Ghaldaqstant huwa l-attur illi huwa unikament responsabbli ghall incident illi fih huwa stess wegga.*

f) *Illi mhuwiex mjinnu l-anqas illi l-attur sofra min xi 'difett serju f'idejh il-leminija' jew xi debilita permanenti konsegwenza tal-istess incident.*

g) *Illi mhuwiex minnu anqas illi l-attur rikorrenti sofra xi danni 'damnum emergens' u 'lucrum cessans' tant illi l-istess attur kien u ghadu jahdem mas-socjeta esponenti bl-istess intronjtu li kellu u bl-istess kundizzjonijiet.*

*Salv eccezzjonijiet ohra".*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta guramentata;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda u l-affidavits prezentati mill-partijiet;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi';

Rat ir-rapporti tal-esperti mqabbdin minnha, dak mediku mill-kirurgu Mr Charles Grixti[2] u dak tekniku mill-perit Robert Musumeci[3];

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

---

[2] Fol 45 et seq

[3] Fol 80 et seq

L-attur kien impjegat tal-Gvern li gie sekondat mas-socjeta' konvenuta sa minn Novembru 2002 u cioe' meta gie fis-sehh il-*Public Private Partnership* inkarigat mit-tisbih tat-toroq. Xoghol l-attur mas-socjeta' konvenuta kien ta' *heavy plant driver* u cioe' li jsuq fost ohrajn *bowser* biex igorr l-ilma sabiex jissaqqew, fjuri, sigar u pjanti f'diversi nhawi mit-Tnejn sal-Gimgha. Huwa kien imur bil-*bowser* biex jimla l-ilma minn spiera sabiex imbaghad imur bih fuq il-lant tax-xoghol[4]. Huwa dam jahdem mas-socjeta' konvenuta sa Jannar 2013 meta gie trasferit lura mal-Gvern ghal raguni li ma hix relatata mal-incident mertu ta' din il-kawza[5].

Fil-kaz tal-lum l-attur qieghed jitlob lil din il-Qorti ssib lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghall-korriment tieghu waqt incident li sehh fuq il-post tax-xoghol fit-18 ta' Mejju 2008. Huwa qieghed jitlob il-likwidazzjoni u l-kundanna ghal hlas ta' danni konsegwenzjali.

Is-socjeta' konvenuta tirrespingi l-pretensjonijiet tal-attur u tichad kwalunkwe tort jew negligenza da parti tieghu ghall-akkadut. Anzi tinsisti li hija osservat il-provvedimenti tal-ligi fir-rigward tas-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol kemm fil-konfront tal-attur u anke tal-haddiema l-ohra. Fil-fehma taghha, l-incident li fih wegga' l-attur sehh unikament minhabba traskuragni, imperizja, nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u tal-prattika tax-xoghol mill-attur stess.

**Ikkunsidrat:**

1. **Id-dinamika tal-incident**

Ma tirrizultax kontestazzjoni dwar il-mod ta' kif sehh l-incident in kwistjoni.

---

[4] Fol 145-146
[5] Fol 171

Fl-affidavit tieghu **l-attur** jirrakkonta l-verzjoni tieghu ta' dak li sehh nhar it-18 ta' Mejju 2008[6] -

*"Nghid illi dakinhar tat-18 ta' Mejju 2008 jien mort ghal gurnata normali tax-xoghol u l-foreman tieghi li jismu Martin Deguara, li ghandu x'jaqsam mas-sezzjoni tal-bowsers, qabbadni helper ma' certu Raymond Caruana, li huwa ukoll heavy plant driver. Ahna hrigna bix-xoghol u wara l-brejk ta' nofsinhar u cioe' ghall-habta tas-siegha (1.00pm) morna fuq il-gibjun Garibaldi gewwa l-Marsa sabiex nimlew il-bowser bl-ilma. Wara li l-bowser imtela bl-ilma, x-xufier Raymond Caruana qala s-suction pipe minn mal-bowser.*

*Nghid illi dan is-suction pipe huwa twil circa tletin (30) pied u ohxon circa erbgha (4) pulzieri. Fit-truf tas-suction pipe ikun hemm fittings tal-hadid u dan minhabba li wahda taqbad mal-bowser u l-ohra tinzel gol-ilma ahna nsejhulha strainer. Nghid ukoll li dan is-suction pipe huwa ta' materjal heavy duty tant li anke jekk nitla jien fuqu dan il-pipe ma jitghaffigx.*

*Jien u Raymond ghabbejna dan il-pipe fuq il-bowser. Nghid li dan is-suction pipe jigi itwal mit-tank tal-bowser u ghalhekk ikun ghad fadal xi erbgha (4) jew hames (5) piedi pipe li johorgu il-barra mit-tank. Sabiex nevitaw incidenti billi nistghu nolqtu xi karozza, il-procedura hi li ahna ndahhlu s-suction pipe zejjed bejn il-gabina u it-tank.....*

*Dakinhar tal-incident, mort biex indahhal is-suction pipe iz-zejjed bejn il-kabina u t-tank izda s-suction pipe nbarmet b'konsegwenza li taghtini daqqa fuq il-muscle ta' idi leminija. Nghid li s-suction pipe imbarmet mhux bi traskuragni tieghi izda minhabba li l-pipe hu wiehed heavy duty u iebes hafna u minnu*

[6] Fol 106

*jinbaram. Meta gara hekk, dan gie qisu molla u kif ghedt tani daqqa qawwija. Kif weggajt Raymond Caruana x-xufier tal-bowser cempel lil Martin Deguara l-foreman u qallu li Stephen Gruppetta wegga' u wara li ezaminawni tal-polyclinic baghtuni l-isptar u komplew jezaminawni hemmhekk. Gewwa l-isptar lili operawni wara xi tlett gimghat minhabba li dak iz-zmien ma kellhomx sodod allura ma stajtx nigi operat mal-ewwel."*

L-unika persuna li rat l-incident tal-attur isehh kien il-kollega tieghu **Raymond Caruana** li kien mal-attur nhar it-18 ta' Mejju 2008. Huwa rrakkonta[7] li dakinhar tal-incident, l-imghallem baghat lilu u lill-attur fil-post maghruf bhala Garibalidi u –

*"....bdejna nghabbu t-trakk bis-suction pipe, ghabbejnih, qlajniha minn mat-trakk, tellajtha mill-genb min-naha tieghi, Stephen qabadha min-naha tieghu u harbitlu minn idejh biex tiehu l-pozizzjoni taghha u laqtitu fil-muscle ta' idu fuq il-lemin. Infurmajt lil Emanuel Deguara, l-imghallem u hadu l-polyclinic. Qaluli biex niehdu l-isptar Mater Dei u minn dak il-hin 'il quddiem ma nafx x'sar izjed."*

## 2. Dizabilita' permanenti

**L-attur** jghid[8] li per konsegwenza tal-incident huwa mhux biss kellu jigi operat izda kien kostrett jikkonsulta regolarment ma' tobba u specjalisti. Izid jghid li huwa baqa' wkoll difettuz fil-muskolu ta' idu l-leminija fejn kien gie operat u li-

[7] Fol 115 et seq
[8] Fol 106 et seq

*".....idejja tidher li ghandha mankament vizibbli fil-muskolu specjalment fuq il-parti ta' fuq ta' idi apparti l-iscar ta' idi li hija twila iktar minn hames (5) pulzieri. L-injury kkawzatli dizabilita' li prattikament idi l-leminija hija bla sahha u ma nistax b'mod liberu naghmel dawk il-movimenti li nista' naghmel b'idi l-ohra, ix-xellugija. Kaz prattiku li meta nigi biex naqfel ghonq tal-qmis idejja l-leminija ma ttinix.*

*Jien tlift xoghol minhabba l-injuries tieghi kemm domt taht kura u dan kien madwar hames xhur u nofs u llum ghandi persentagg car ta' dizabilita' evidenti li johrog mill-istess nuqqas ta' funzjoni ta' idejja l-leminija. Nista' nikkonferma li Mr. Bernard, konsulent li kien invistani qalli li x-xoghol tieghi ma jistax ikompli kif kien qabel bhal ma kont b'idejja stess nigbed u nerfa' u allura gejt ukoll handicapped f'dan ir-rigward."*

L-*Industrial Injuries Board* iccertifika li l-attur kien tajjeb ghax-xoghol b'effett mill-13 ta' Ottubru 2009[9].

L-attur gie ezaminat mill-espert tal-Qorti **l-kirurgu Mr. Charles Grixti** nhar it-8 ta' Lulju 2010. Fir-rapport mediku mhejji minnu[10], dan l-espert ikkonkluda hekk–

*"Stephen Gruppetta ntlaqat mis-'suction pipe' tal-'bowser' waqt li kien qed jimla l-ilma w carrat il-'biceps tendon' ta' driegh tal-lemin. Huwa mar id-Dipartiment ta' l-Emergenza w rega baqa jmur kuljum l-isptar biex joperawh. L-operazzjoni saret tlett gimghat wara l-accident u l-'biceps tendon' li kien imcarrat ma setax jigi mobilizzat l-isfel biex jerga' jigi mehjut.*

---

[9] Fol 23
[10] Fol 45 et seq

*Minkejja dan Gruppetta ghandu s-sahha kollha biex jghawweg il-minkeb u jdawwar idejh il-fuq bil-minkeb mghawweg. Dawn il-muvimenti huma possibbli mill-uzu tal-'biceps tendon' li huwa carrat. L-azzjoni tal-'biceps muscle' tigi mehuda min grupp ta' muskoli ohra. Huwa ghandu l-muvimenti kollha mehtiega fil-minkeb tal-lemin biex jaghmel l-attivitajiet kollha fizici.*

*Ghandu sinjali ta' pressa tan-nerf medjan fil-polz tal-lemin izda dan ma giex ikkonfermat bl-EMG.*

*Dan irid jigi rrepetut il-quddiem u jekk johrog pozittiv Gruppetta jkollu bzonn operazzjoni zghira fil-polz tal-lemin biex inaqqas il-pressjoni minn fuq dan in-nerf.*

***Jien nistma' d-dizabilita' permanenti li qed isofri Gruppetta kagun ta' l-incident li kellu fit-18 ta' Mejju 2008 ta' 2% (tnejn fil-mija)**."*

**In vista tas-suespost, l-eccezzjoni (f) tas-socjeta' konvenuta sejra tigi michuda.**

3. **Responsabbilta' ghall-incident tat-18 ta' Mejju 2008**

L-attur jattribwixxi r-responsabbilta' ghal dan l-incident fuq is-socjeta' konvenuta ghaliex fil-fehma tieghu, l-ghodda li pprovdietlu la kienet sikura u lanqas adegwata b'dana li huwa gie espost ghall-periklu li jwegga kif fil-fatt gara. Huwa jargumenta li la l-*employer* tieghu fornih b'ghodda li *ab initio* setghet tkorrih, anke jekk matul is-snin huwa kien dara jdawwar il-manka tal-pipe mal-bowser, huwa m'ghandux issa jgorr il-htija ta' dak li sehh nhar it-18 ta' Mejju 2008. Ghall-attur, huwa korra mhux ghax ma qghadx attent imma

ghax is-socjeta' konvenuta ma segwietx l-obbligi taghha skont il-ligi fir-rigward tal-forniment tat-tghamir sikur tax-xoghol lill-haddiema.

Minn naha taghha s-socjeta' konvenuta tirribatti illi t-trakk u l-ghodda li pprovdiet lill-attur biex jahdem bihom la kienu difettuzi u lanqas kellhom nuqqasijiet ohra. Fil-fehma taghha huwa l-attur li ghandu jgorr ir-responsabbilta' ghall-incident il-ghaliex dak li sehh seta' jigi evitat li kieku l-attur qaghad attent fl-immanigjar tal-pajp tal-bowser huwa u jistivah f'postu.

Fil-fehma tal-Qorti, l-ewwel kwezit li ghandu jigi ndagat huwa dwar jekk is-socjeta' konvenuta qdietx id-dmirijiet taghha skont il-ligi fir-rigward tal-adegwatezza u s-sigurta' fit-tghamir u l-ghodda li hija pprovdiet lill-attur sabiex iwettaq xoghlu minghajr ma jkun espost ghal perikli konnessi mat-tip u l-kwalita' stess ta' dak it-tghamir. It-tieni kwezit jirrigwarda l-kwistjoni jekk l-attur innifsu uzax jew immanuvrax it-tghamir moghti lilu b'mod korrett u bi prudenza rikjesta minnu skont il-ligi.

In kwantu l-incident in ezami sehh waqt li l-attur kien qieghed jghabbi *suction pipe* fuq il-bowser bin-numru ta' registrazzjoni GVH 415, huwa necessarju l-iskrutinju tad-diversi provi mressqa dwar din l-ghodda u l-immanigjar taghha fuq l-istess bowser.

**Norman Mifsud**, *Manager* tar-Rizorsi Umani mas-socjeta' konvenuta xehed illi n-natura tax-xoghol tal-attur kienet tirrikjedi li huwa[11] -

*"....jqabbad il-manka tal-bowser biex ikun jista' jimla l-ilma. La darba jimtela l-ilma fil-bowser, jerga' jitfa' l-manka fil-bowser u jmur isaqqi fejn jibaghtu l-imghallem tad-distrett. Biex isaqqi mbaghad juza pipe zghir. L-attur beda*

[11] Fol 146

*jahdem fl-2002 u baqa' jaghmel dan ix-xoghol sad-19 ta' Mejju 2008 meta allegatament wegga' fuq xogholu."*

**L-inginier Jeffrey Desira** konsulent tas-socjeta' konvenuta elabora dwar it-tghamir u t-thaddim tal-*bowsers* li bhalhom kien qieghed jopera l-attur dakinhar tal-incident. Huwa xehed hekk –

*"...il-bowser biex jimtela bl-ilma, juza semi-rigid ribbed plastic hose li jkollu mating coupling fuq naha fejn jaqbad mal-bowser u foot valve fuq in-naha l-ohra. Kemm il-coupling u l-foot valve ghandhom piz ta' circa 5kgs -il wiehed. Il-foot valve jitnizzel fil-post fejn hemm l-ilma. Il-coupling taqbad mas-suction pump u meta tistartja l-pompa, jingibed l-ilma biex jimtela l-bowser. Kif jimtela jizzarma, tinqala' l-coupling biex il-pipe jigi separat minn mal-pompa u jitqieghed mal-watertank tal-bowser. Bit-tank tal-bowser mimli jmur fuq il-lant tax-xoghol[12]."*

Sensiela ta' ritratti esibiti minn dan ix-xhud urew it-taghmir li bih ikun mghammar il-bowser u l-process tat-tqeghid tal-pajp lura madwar it-tank tal-bowser[13]. Fl-ispjegjazzjoni tieghu ta' dawn ir-ritratti, l-inginier Desira kompla jghid li fil-genb tal-bowser hemm *semicircular brackets* intizi biex fuqhom jistrieh il-pajp u li bit-toqol li ghandu l-*foot valve hose* jistrieh 'l isfel u jkun lest biex jitqieghed. Ix-xhud qal ukoll li mir-ritratti ghandu jigi nnutat li l-pajp jidritta wahdu, u lejn l-ahhar parti tieghu, bil-piz tal-*coupling* jew il-*foot valve* (skont x'jitpogga l-ewwel), il-*pipe* wahdu jiddendel 'l isfel sakemm jigi biex jistrieh fuq l-ahhar *semicircular bracket*. Huwa spjega wkoll li meta l-pajp ikun qieghed jitpogga fuq it-trakk, minhabba l-piz li ghandu huwa jista' "jifflexja" imma mhux jinqaras.

---

[12] Fol 147
[13] Fol 151-162

L-inginier Desira esibixxa wkoll rapport dettaljat li huwa hejja fil-21 ta' Lulju 2010[14] fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta sabiex jiddetermina jekk hemmx potenzjal ta' periklu fl-istivar tas-*suction pipe* uzat biex jimla l-ilma ghat-tisqija fil-bowsers tas-socjeta' konvenuta.

Dan ir-rapport jibda billi jaghti dettalji dwar is-*suction pipe* innifsu li bih ikun mghammar il-bowser –

*"The equipment in service consists basically of a 4 inch diameter, ribbed, semi-rigid plastic hose used as a suction line with a foot valve attached to one end and a coupling at the other end. Both the foot valve and the coupling are made from metal with the coupling being somewhat heavier. The overall length of the suction line complete with the foot valve and the coupling at both ends is approximately 30 feet[15]."*

L-awtur tar-rapport jispjega wkoll il-process tal-istivar ta' dan il-pajp mal-bowser u cioe' billi dan jiddawwar mac-cirkomferenza tal-bowser kif muri mir-ritratti annessi mar-rapport. Desira jghid li –

*"The suction line is stowed circumferentially around the water tank in a manner that either the foot valve or the coupling needs to be stowed first behind the driver's cabin and progressively the rest of the line is placed onto semi-circular metal hooks that are structurally attached to the water tank itself. These semi-circular hooks are attached longitudinally along the sides of the water tank and more or less evenly distributed[16]."*

[14] Fol 163 et seq
[15] Fol 163
[16] Fol 164

Ir-rapport imbaghad jelenka pass pass kif isir l-istivar tal-pajp:

*"a) The suction line is dragged onto one side of the truck*

*b) One end is stowed behind the driver's cabin and progressively the suction line placed onto the semi-circular hooks on the side of the water tank*

*c) Due to the inherent nature of the semi-rigid flexible suction line; this hose tends to right itself as it is progressively stowed and turned round the back end of the truck to be positioned onto the retaining hooks on the other side*

*d) The line tends also to sag, indicative of stress relief*

*e) By the time the other end of the suction line requires stowage, this line would have been relieved of any possible twist. Eventually only the other end ends to be stowed behind the driver's cabin in a manner similar to how the other end was stowed[17]."*

L-inginier Desira jissottolinea li fl-ahhar parti tal-istivar tal-pajp, it-tul li jkun fadal ikun wisq qasir biex ikun jista' jinbaram. Huwa jghid hekk –

*"…by the time the semi-rigid flexible line is being stowed onto the semi-circular hook the remaining length is too short for its diameter to retain any possibility of twist. Also the amount of sag incurred by the suction line that is evident on this side of the water tank; it leaves no evidence of any twist in the suction line[18]."*

[17] Fol 165 – pagni 5 u 6 tar-rapport
[18] Fol 168 – pagna 11 tar-rapport

Il-konkluzjoni ta' dan l-Inginier fir-rapport kienet din –

*"It is the undersigned opinion that during proper stowage of the suction line, there exists no possibility of the suction line being twisted in a manner that could cause possible injury to personnel. The process is basic, too simple and straight forward without the complexity of operation and is inherently safe. The physical construction of the ribbed semi-rigid flexible pipe would not permit any possibility of twist during proper stowage.*

*It is to be noted that flexing is totally different to twist. Flexing the pipe is obvious and is intended to be so by its design and construction[19]."*

In kontro-ezami l-Inginier Desira qal li l-pajpijiet tat-trakkijiet tas-socjeta' konvenuta huma kollha bejn wiehed u iehor indaqs[20]. Ikkonferma wkoll li l-parti zejda tal-pajp trid tidhol bejn il-gabina u t-trakk u li meta l-pajp ikun qieghed itella l-ilma dan jesperjenza xi ftit caqliq jew treghid[21].

Huwa sahaq pero' li –

*"ma jistax ikun li l-pipe jinbaram ghax fin-natura tieghu 'semi rigid pipe' ma jippermettix dan u lanqas jista' jinqaras. Ma nafx kazijiet fejn il-pajp kien inbaram[22]."*

L-inginier ikkonferma li f'Wied Incita giet installata Sistema gdida izda r-raguni kienet marbuta biss ma' avvanz kontinwu fil-qasam tax-xoghol[23]. Sahaq li –

[19] Fol 168 - pagna 12 tar-rapport
[20] Fol 175
[21] Fol 176
[22] Fol 176
[23] Fol 176

*"Filwaqt li s-sistema f'Wied Incita giet aktar komda biex tintuza, ma jfissirx li dik mertu tal-kawza ma kinitx 'safe'. Bhala level of safety huma l-istess.*

*Is-sistema hi aktar komda ghax hemm inqas 'labour content'![24]"*

L-idoneita' o meno tal-apparat li bih kien mghammar il-bowser mertu ta' dan l-incident giet ukoll ezaminata mill-espert tekniku mqabbad mill-Qorti stess, il-**perit Robert Musumeci**. Huwa ghamel is-segwenti kunsiderazzjonijiet teknici[25] –

*"1. F'dan il-kaz qed nitkellmu dwar handling ta' "4 inch flexible semi rigid ribbed plastic suction pipe" imqabbad ma' coupling tal-metall fit-tarf – il-coupling tizen circa 5 kg;*

*2. L-intensita' ta' l-impatt tiddependi – f'termini xjentifici – mill-"moment" li jigi ggenerat, u li joghla proporzjonalment skont il-piz tal-coupling u l-pipe innifsu (self weight) u d-distanza bejn l-ahhar bracket (fejn iserrah il-pipe) u l-coupling tal-metall fit-tarf;*

*3. F'dan il-kaz, jidher – almenu bhala fatt – li l-pipe "harab" minn idejn l-attur, proprju fil-mument meta l-pipe (imqabbad mal-coupling tal-metall fit-tarf) kien se jitqieghed fl-ispazju ta' bejn il-gabina u l-bowser u per konsegwenza l-attur intlaqat bil-"coupling" tal-metal f'idejh il-leminija;*

*4. Huwa minnu li peress li l-materjal tal-pipe huwa semi rigid u d-dijametru tieghu huwa zghir (f'dal-kaz 4 pulzieri), il-pipe ghandu tendenza li jissospendi ruhu "under its own weight" kif issuggerixxa l-Ingjinier Desira. Detto cio', dan*

[24] Fol 177
[25] Fol 87-88

*jista' biss jinghad meta d-distanza bejn is-support (allura l-ahhar bracket) u l-free edge (fejn allura hemm il-coupling) tkun wahda ragjonevoli. F'dan il-kaz, jidher car li l-pipe "gheleb" bil-piz tal-"coupling". Naturalment il-possibilita' li dan jigri kienet tonqos talvolta s-sitwazzjoni kienet tissussisti kif mistqarr minn Jeffrey Desira, u cioe' kieku "the remaining length" kienet "<u>too short</u> for its diameter to retain and possibility of twist." Essenzjalment, pero, jirrizulta li kif imbaghad stqarr Jeffrey Desira ex admissis in kontroezami, "parti zejda (tal-pipe)....tibqa mdendla" u "trid tidhol bejn il-gabina u t-trakk" u allura d-distanza ma tistax titqies bhala "short" fic-cirkostanzi;*

*5. Naturalment, l-esponenti ma jistax jeskludi li ma kienx hemm nuqqas ta' attenzjoni da parte ta' l-attur f'xi mument jew iehor immedjatament qabel l-incident. Almenu, l-attur, tenut li huwa kkwalifikat bhala Heavy Plant Driver, kellu jkun jaf li galadarba d-distanza bejn l-ahhar bracket support u l-coupling fit-tarf twassal addirittura sa wara l-gabina, il-pipe seta' facilment jeghleb bil-piz tal-coupling."*

Il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet kienu li[26]-

***"a. L-incident seta' jigi evitat ghal kollox kieku l-parti tas-suction pipe li tibqa' mdendla kienet iqsar kif del resto accenna l-inginier Jeffrey Desira prodott mis-socjeta' konvenuta permezz ta' Image 10 anness ma' Dik JD24041413. F'tali cirkostanzi, il-pipe in kwestjoni ma kienx jeghleb bit-toqol tal-coupling tal-metall fit-tarf;***

[26] Fol 89

***b. Isegwi b'hekk li mhux minnu li l-incident sehh "unikament" ghaliex l-attur agixxa bi traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tax-xoghol u l-prattika tax-xoghol" kif qed tallega s-socjeta' konvenuta;***

***c. Mill-banda l-ohra, l-esponenti itenni li l-attur (siccome dan huwa kkwalifikat bhala Heavy Plant Driver) kien konsapevoli li galadarba d-distanza bejn l-ahhar bracket support u l-coupling fit-tarf kienet twassal addirittura sa wara l-gabina, il-pipe seta' facilment jeghleb bil-piz tal-coupling."***

Fuq domandi in eskussjoni, l-perit tekniku amplifika r-ragunijiet ghal konkluzjonijiet tieghu. Dwar paragrafu (a) tal-konkluzjonijiet tieghu huwa qal hekk[27] –

*"...dal-pipe ikun rigged, imbaghad fit-tarf ikollu dil-hadida. Dil-hadida tqabbad mal-kumplament tal-bawser. Issa, naturalment fil-hadida...sakemm dil-parti tkun qasira. It can rest on its own weight. Jekk titwal imbaghad jeghleb naturalment u ovvjament iddettat minn din il-massa.*

*[...]*

*Il-konkluzjoni tieghi hija li dment illi dak li jkun din izommha qasira, allura din tkun on its own rest. Il-mument li ghal xi raguni din titwal ghax wiehed tahrablu min idejh, imbaghad ovvjament ma jkollokx kontroll. Dik hija l-konkluzjoni tieghi."*

Mistoqsi pero' mid-difensur tal-attur jekk l-incident kiens isehh jew le li kieku l-pajp u l-coupling *"kien kif kellu jkun*[28]*"* il-perit tekniku nsista li imkien fir-

[27] Fol 185-186
[28] Fol 187

rapport ma qal li l-*coupling "ma kienx kif kellu jkun. It is a question of handling*[29] *"*.

Fuq domandi tad-difensur tas-socjeta' konvenuta l-perit tekniku kkonferma li:

i. meta s-socjeta' konvenuta wahhlet dan it-tip ta' pajp, hija wzat pajp tal-materjal li titlob il-prassi, u cioe' plastik[30];

ii. ma hemmx prassi ta' kemm ghandu jkun twil jew qasir dal-pajp ghax dan irid ikun skont l-esigenzi tal-postijiet li jrid jilhaq[31];

iii. madankollu li kieku l-parti tas-suction pipe li tibqa' mdendla kienet iqsar, f'tali cirkstanzi l-pajp ma kienx jeghleb[32];

iv. fil-mument tal-incident it-trakk kien wieqaf u ma kien hemm ebda vibrazzjoni fil-pajp[33];

v. ghalkemm hemm sistemi ohra li wiehed jista' juza biex idawwar il-pajp, is-sistema wzara fit-trakk mertu tal-kaz mhijiex *obsolete.*

Tajjeb jinghad li dwar il-piz probatorju tal-konstatazzjonijiet ta' periti teknici nominati mill-Qrati gie ritenut kostantement mill-gurisprudenza nostrali, li ghalkemm Qorti mhijiex marbuta tadotta l-konkluzjonijiet ta' rapport peritali, madankollu hija m'ghandhiex b'mod legger tiskarta tali rizultanzi tenut kont li dawn ikunu maghmula minn espert tekniku mqabbad apposta biex jezamina materja teknika bhal ma hu l-kaz odjern.

[29] Fol 187
[30] Fol 188
[31] Fol 188
[32] Fol 189
[33] Fol 189

Fil-kaz fl-ismijiet **Noel Pisani et pro et noe vs Adam Bartolo deciz minn din il-Qorti diversament preseduta fit-12 t'April 2016**[34] elenkat il-principji rilevanti f'dan il-kuntest:

*"Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza **"Calleja vs Mifsud"**, il-Qorti tal-Appell qalet hekk –*

*'Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika.*

*In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu*

[34] Cit Nru 13/06 JZM

*privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami ("**Grima vs Mamo et noe" –** Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998)***.**

*Jigifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. ( ara - "***Cauchi vs Mercieca" –** *Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999* **; "Saliba vs Farrugia**" – *Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 ; "***Tabone vs Tabone et***" – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; "***Calleja noe vs Mifsud***" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001 ; `***Attard vs Tedesco et`** *- Qorti tal-Appell – 1 ta` Gunju 2007 u* **"Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et"** *(Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta' Dicembru 2008).*

*Din il-Qorti tirribadixxi li l-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli" – ("***Bugeja et vs Muscat et" –** *Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967)."*

Fid-dawl tal-principji suesposti l-Qorti tqis li m'hemm ebda lok li jwassalha biex tiddubita mil-konstatazzjonijiet tal-espert imqabbad minnha u tqis li dawn l-istess konkluzjonijiet huma gusti u korretti. Ghalhekk hija se taghmilhom taghha.

Il-Qorti sejra issa tghaddi biex tezamina l-aspett legali applikabbli ghall-kaz tal-lum.

**L-artikolu 1033 tal-Kodici Civili** jipprovdi hekk:

*"Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."*

In kwantu l-incident in ezami sehh fuq il-post tax-xoghol, hemm ukoll l-**Att dwar l-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol (Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta)** li jobbliga lil min ihaddem biex jiggarantixxi ambjent sikur ghas-sahha u s-sigurta' tal-impjegati tieghu kif ukoll li jforni lill-impjegati tieghu bil-mezzi kollha u bl-apparat necessarju ghal dan il-ghan.

Fl-artikolu 6 tieghu, dan l-Att jestabilixxi li -

***"6.*** *(1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:*

*Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att:*

*Iżda wkoll l-obbligi tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbiltà ta' min iħaddem.*

*(2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu*

*fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri –*

*(a) li jiġi evitat riskju;*

*(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*

*(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
*(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*

*(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;*

*(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;*

*(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għazla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*

*(ħ) billi wieħed jaddatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u*

*(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri it-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol.*

*(3) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (2), min iħaddem għandu jipprovdi dik l-informazzjoni, dak it-tagħlim, dak it-taħriġ u dik is-superviżjoni li huma meħtieġa biex tiġi żgurata s-saħħa u s-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol.*

*(4) Min iħaddem għandu jiżgura li f'dawk il-postijiet tax-xogħol fejn jaħdem għadd suffiċjenti ta' ħaddiema, għandhom jiġu eletti, magħżulin jew mod ieħor nominati, persuna jew persuni bħala r-Rappreżentant jew ir-Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema, u liema rappreżentanti jiġu konsultati minn qabel u fi żmien raġonevoli minn min iħaddem dwar dawk il-ħwejjeġ li jistgħu jaffettwaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol."*

**L-Avviz Legali 36 tal-2003 intitolat "Regolamenti dwar Dispozizzjonijiet Generali dwar is-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol"** ikompli hekk -

**4.** *(1) Ghandu jkun id-dmir ta' min ihaddem li jizgura s-sahha u s-sigurtà tal-haddiema f'kull zmien u f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol.*

*(2) Min ihaddem ghandu jaghmel dawk l-arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoragg u revizjoni tal-mizuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet u d-daqs ta' l-impriza.*

*(3) Min ihaddem ghandu jiehu l-mizuri necessarji ghas-salvagwardja tas-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol, u ghal dan il-ghan ghandu jippreveni riskji fuq il-post tax-xoghol u jipprovdi informazzjoni u taghrif kif mehtieg: Izda ghal dawn l-ghanijiet, min ihaddem ghandu jipprovdi l-organizazzjoni u l-mezzi necessarji li bihom jizgura l-grad ta' standards ta' sahha u sigurtà mehtiega fuq il-post tax-xoghol:*

*Izda wkoll, bl-ghan li jitjiebu s-sitwazzjonijiet ezistenti, min ihaddem ghandu jkun attent ghall-bzonn ta' aggustament jew emenda ta' dawk il-mizuri mehuda biex jipprotegu s-sahha u s-sigurtà tal-haddiema waqt li jikkunsidra c-cirkostanzi li jinbidlu.*

**5.** *Minghajr hsara ghall-generalità tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, min ihaddem ghandu, wara li jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet ta' l-impriza u, jew ta' l-istabbiliment –*

*(a) jidentifika l-perikli fuq il-post tax-xoghol u ghandu jevita riskji ghas-sahha u s-sigurtà;*

*(b) jevalwa dawk ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema li ma jistghux jigu evitati u ghandu jikkontrollahom mill-bidu;*

*(c) jadatta x-xoghol ghall-individwu, specjalment fejn jidhol id-disinn tal-postijiet tax-xoghol, l-ghazla tat-taghmir tax-xoghol u l-ghazla tal-metodi tax-xoghol u tal-produzzjoni, bil-hsieb partikolarment li jitnaqqas ix-xoghol monotonu u xoghol b'rata determinata minn qabel u li jitnaqqas l-effett taghhom fuq is-sahha."*

L-istess Att jipprovdi wkoll dwar **id-dmirijiet u l-obbligi tal-haddiema** -

***7.*** *(1) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir.*

*(2) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jikkoopera ma' min iħaddem u mar-*

*Rappreżentant jew Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol għal dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà."*

**L-Avviz Legali 36 tal-2003** imsemmi jkompli hekk:

***"15.*** *(1) Ghandu jkun id-dmir ta' kull haddiem li jiehu hsieb kemm jista' jkun is-sahha u s-sigurtà tieghu stess kif ukoll dawk ta' persuni ohrajn li jistghu jkunu affettwati bl-atti jew nuqqasijiet tieghu skond it-taghrif u l-istruzzjonijiet moghtija minn min ihaddem.*

*(2) Minghajr pregudizzju ghall-generalità ta' dan kollu, ghandu jkun id-dmir tal-haddiem li:*

*(a) jaghmel uzu korrett tal-makkinarju, apparat, ghodda, sustanzi perikoluzi, taghmir tat-trasport u mezzi ohrajn ta' produzzjoni;*

*(b) jaghmel uzu korrett tat-taghmir protettiv personali moghti lilu u, wara l-uzu, jirritornah f'postu;*

*(c) ma jiskonnettjax, jibdel jew inehhi b'mod arbitrarju l-mezzi ta' sigurtà uzati, ma' makkinarju, apparat, ghodda, impjanti u bini, u li juza dawn il-mezzi ta' sigurtà b'mod korrett;*

*(d) jinforma immedjatament lil min ihaddem u, jew lill-haddiema bir-responsabbilità specifika ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema b'xi sitwazzjoni tax-xoghol li jkollu ragunijiet jikkunsidra li tipprezenta periklu serju u imminenti ghas-sahha u s-sigurtà u b'xi nuqqasijiet fl-arrangamenti ta' protezzjoni;*

*(e) jikkopera ma' min ihaddem u ma' haddiema bir-responsabbilità specifika ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema, ghat-tul ta' zmien necessarju sabiex jitlesta x-xoghol jew htigijiet imposti mill-Awtorità sabiex jigu protetti s-sahha u s-sigurtà tal-haddiema fuq ix-xoghol;*

*(f) jikkopera ma' min ihaddem u, jew ma' haddiema bir-responsabbilità specifika ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema, ghat-tul ta' zmien necessarju sabiex min ihaddem jizgura li l-ambjent tax-xoghol u l-kondizzjonijiet tax-xoghol ikunu minghajr periklu u li ma jpoggu l-ebda riskju ghas-sahha u s-sigurtà fil-qasam ta' l-attività taghhom."*

Fil-kaz **Saviour Farrugia vs Korporazzjoni Enemalta deciz fit-18 ta' Marzu 2016**[35] din il-Qorti elenkat rassenja ta' gurisprudenza dwar l-obbligi legali ta' min ihaddem u tal-haddiema -

*"Il-principji legali appena citati gew ripetutament riaffermati mill-Qrati taghna. Il-kaz fl-ismijiet* ***Kenneth Borg vs FXB Joiners Ltd et*** *deciz fis-26 ta' Gunju 2014 jigbor fih sintezi ta' gurisprudenza dwar id-dmirijiet kemm ta' min ihaddem u anke tal-haddiema:*

*"Dak li hu importanti hu, li kif intqal fil-kawza, fl-ismijiet "**John Sultana vs Francis Spiteri et noe**", deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju 1979, "min ihaddem ghandu d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragonevoli ta' sikurezza ghal min ikun qed jahdem."*

*Gie ritenut ukoll li a safe system of work u a safe working environment ifissru li min ihaddem hu obbligat li jassigura li "l-makkinarju u l-istrutturi provduti minn min jaghti x-xoghol ghandhom jigu regolarment mantenuti u mizmuma*

[35] Rik Gur 852/12

*hielsa minn difetti u mankanzi"* - *"**Julie Scicluna pro et noe vs Sammy Meilaq nomine et"** (Citazzjoni numru 11/92DS).*

*Inoltre, gie ndikat li min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jara wkoll li l-haddiema tieghu jkunu mharrga ghat-tip ta' xoghol li jkunu mqabbda jaghmlu. Il-hsieb legali fil-materja gie spjegat mill-On. Qorti ta' l-Appell fil-kawza bl-ismijiet **"Francis Buhagiar et vs Segretarju tal-Ufficcju tal-President ta' Malta et"** - deciza fid-29 ta' Mejju 2009. Il-Qorti skartat it-tezi li "tezisti xi forma ta' strict liability, jew responsabbilta' oggettiva li tpoggi lill-imghallem li jaghmel tajjeb - billi jerfa' r-responsabbilta` – tas-sinistru li jkun sehh". Kompliet "Kif tajjeb gie elaborat mill-ewwel Qorti, is-sistema legali taghna dwar responsabbilta` fejn jirrizulta event dannuz hija 'fault-based.' Fi kliem iehor f'kull kaz irid ikun hemm nexus ta' bejn il-kawza u l-effett ghal dak li jkun gara."*

*Fil-kaz citat, il-Qorti ta' l-Appell osservat li x-xoghol li l-attur/appellant kien gie mqabbad li jaghmel kien jinvolvi xejn riskjuz - ma nghatax attrezzi difettuzi u lanqas kien jirrizulta xi forma ta' ness bejn l-event dannuz u r-responsabbilta` tal-"employer" talli ma pprovdiex "a safe system of work" lill-impjegat tieghu.*

*Kif gie ritenut mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kaz fl-ismijiet **"Bugeja vs Montanaro Gauci"** - deciza 14 ta' Mejju 2004, "huwa daqstant importanti fil-kuntest ta' responsabbilta` lill-ambjent kollu fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-icken possibilita ta' infortunji fuq ix-xoghol. Dan l-obbligu huwa generalment rikonoxxut bhala dmir tal-employer li jipprovdi "a safe place of work".*

*Hu daqstant minnu izda, li, min ihaddem, hu obbligat ukoll li jipprovdi kontra l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u ghaqal li jaqghu fiha l-haddiema u li*

*hafna drabi hi ndotta mill-istess natura tal-attivita` industrijali (ara "**Grech vs Farrugia**", deciza mill-Onorabbli Qorti talAppell fis-7 ta' Dicembru, 1994). Hekk ukoll gie ritenut fil-kawza "**Borg vs Wells**" (deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Settembru 1981) "In planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless in works involved in their daily work" u " dan tenut kont ta' l-atmosfera tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol u nuqqas ta' haddiema ohra li jkunu nkarigati biex jahdmu mieghu".*

*Pero' huwa dejjem l-obbligu tal-haddiem li joqghod attent waqt l-ezekuzzjoni ta' xogholu - ghalhekk min ihaddem m'ghandux ikun tenut li jipprovdi kontra negligenza grassa, ghax anke l-haddiem hu mistenni li joqghod attent u juza d-diligenza fuq il-post tax-xoghol. Il-haddiem ghandu jkun konxju tal-perikoli fuq ix-xoghol, u m'ghandux jaghmel manuvri azzardati li jzidu r-riskju tal-hsara (ara "**Sciriha vs O'Flaherty noe**", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-5 ta' Mejju, 1994).*

*Dwar il-provi li jridu jingiebu u l-onu ta' l-istess insibu fil-kaz* ***Raymond Psaila vs Pisciculture Marine de Malte Limited*** *deciza fid-29 ta' Settembru 2011 fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*

*"Illi bħala punt tat-tluq dottrinali, huwa magħruf li fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli speċjali dwar dak li jiġri meta ħaddiem jew terza persuna ġġarrab inċident bħal dak. Bit-tħaddim tar-regoli ġenerali tal-liġi dwar ir-responsabbilta' għal dak li wieħed irid iwieġeb għalih minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu, is-sejbien ta' ħtija għal inċident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma*

*jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh ;*

*Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu (dak li bosta jsejħulu "a safe system of work") fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbilta' fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiem. Huwa stabilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi;*

*Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbilta' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq, u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju*

*tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri ażżardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru;*

*Illi dan kollu juri li r-responsabbilta' tal-imgħallem m'hijiex waħda li ta' bilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ "strict liability").*

*Għalkemm hija responsabbilta' li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ma titlobx grad ogħla ta' responsabbilta', u tista' saħansitra tixxejjen jekk kemm il-darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel;"*

*Dawn il-principji gew ukoll ripetuti fil-kawza fl-ismijiet* **Emmanuel Spiteri vs G.S.C. Limited** *deciza fil 5 ta' Ottubru, 2010: P.A. 671/1997/1 JRM -*

*"Illi l-Qorti tibda biex tghid li fejn jidhol korriment (jew mewt) waqt il-qadi tax-xogħol li wiehed ikun tqabbad jagħmel, il-prova tar-responsabbilta` ta' dik il-grajja xorta wahda taqa' fuq min ikun indarab (jew dawk li jigu minnu). Il-fatt waħdu li persuna tkorri (jew tmut) fuq il-post tax-xogħol ma tfissirx awtomatikament it-tqegħid tar-responsabbilta' fuq l-imgħallem u l-ħelsien għal kollox tal-parti midruba mill-ħtiega li tipprova l-allegazzjoni tagħha. Dan hu skond ir-regola ewlenija tad-dritt procedurali li min jallega jrid jipprova bl-ahjar mod li titlob il-ligi. Tal-anqas, il-parti attrici tkun trid turi tajjeb biżżejjed li sehh dak l-incident u li min-naha taghha (jew l-awtur taghha) jkun sar dak kollu li juri li dak li gara ma jkunx ingab b'idejn dak li jkun;*

*Illi, madankollu, dak il-piż jaf il-limitazzjonijiet tiegħu minħabba li, fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi*

*ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli specjali dwar dak li jsehh meta ħaddiem jew terza persuna ggarrab incident bhal dak. Bit-tħaddim tar-regoli generali tal-ligi dwar ir-responsabbilta' għal dak li wieħed irid iwiegeb għalih minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu, is-sejbien ta' ħtija ghal incident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun flwiddbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuragni jew b'rieda, ikun hu nnifsu gab l-effetti tal-incident b'idejh;" (Ara ukoll App.Civ fl-ismijiet* ***Peter Ronald vs Polibon Construction Ltd*** *deciza fid-9 ta' Jannar, 2009)."*

Wara li qieset il-fatturi kollha li jiccirkondaw il-fattispecje tal-kaz odjern fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ssib li:

1. Tenut kont in-natura tax-xoghol tas-socjeta' konvenuta, hija necessarjament tehtieg l-uzu ta' bowsers li jkunu mghammra b'*suction pipes* tal-ilma ta' certu tul, sabiex jindirizzaw il-htigijiet u d-distanzi varji mehtiega kemm biex jittella l-ilma mill-ispieri u anke biex issir l-irrigazzjoni tal-fjuri, sigar u pjanti li jaqghu taht il-kompetenza taghhom;

2. Il-fatt li s-sistema tal-immanigjar u l-istivar ta' dawn is-*suction pipes* kienet ilha snin tithaddem mill-haddiema tas-socjeta' konvenuta minghajr qatt ma nqala' xi inċident, ma jfissirx awtomatikament li dik is-sistema hija wahda sikura jew li tezonera lill-imghallem mill-oneru mpost fuqu mil-ligi;

3. Dwar il-bowser mertu tal-incident in kwistjoni, l-materjal tas-*suction pipe* innifsu huwa tat-tip uzat skont il-prassi u fil-mument tal-incident ma rrizultax li l-pajp *per se* kien zviluppa xi difett, hsara jew malfunzjonament li kkawza l-incident;

3. Il-*coupling* u l-*foot valve* imwahhla fit-truf rispettivi tal-pajp ukoll ma nstabux li kellhom xi difett jew nuqqas iehor li wahdu seta' kkawza l-korriment tal-attur;

4. Il-problema pero' mhijiex it-tul tal-pajp per se, izda dik il-parti tieghu li tibqa' mdendla wara li l-bqija tal-pajp ikun gie mdawwar mac-cirkomferenza tal-bowser, liema parti tkun trid titpogga fl-ispazju ta' bejn il-gabina u l-bowser. Fil-fehma tal-Qorti, u a bazi ta' dak li rrelata dwaru l-perit tekniku, il-fatt li din il-parti tal-pajp ma kinitx qasira, kien jirrendiha suxxettibbli li teghleb bit-toqol tal-*coupling* stess, kif fil-fatt gara. Huwa hawn li jemergi n-nuqqas tas-socjeta' konvenuta peress li ma jirrizultax li hadet il-passi mehtiega, kif inhi obbligata bil-ligi li taghmel, biex twarrab l-icken possibilita' ta' riskju ta' nfortunji lill-haddiema taghha. Mhuwhiex kompitu tal-Qorti li tidentifika hi x'kellhom ikunu dawk il-prekawzjonijiet mehtiega, imma kien jispetta lis-socjeta' konvenuta tidentifika teknikament x'mizuri kellhom jitpoggew fis-sehh biex it-tul tal-pipe li jifdal bejn l-ahhar *bracket support* u l-*coupling* ikollu s-*support*/ilqugh mehtieg biex ma jispiccax imdendel b'tul tali li jesponi lill-haddiem, f'dan il-kaz l-attur, ghal periklu li jwegga' hu u jistivah, kif fil-fatt gara;

5. In-ness ghalhekk bejn dan in-nuqqas ta' osservanza tal-ligi da parti tas-socjeta' konvenuta u l-incident *de quo* huwa pruvat u ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghandha ggor responsabilta' ghal dan l-incident.

**Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti sejra tichad l-eccezzjoni (a), (b) u (c) tas-socjeta' konvenuta**.

Ferm il-premess, il-Qorti tqis pero' li l-kawza tal-incident ma kinitx attribwibbli biss u unikament lis-socjeta' konvenuta. Tajjeb jigi sottolineat li:

1. l-attur kien ilu snin impjegat mas-socjeta' konvenuta jaghmel dan it-tip ta' xoghol u huwa mhux biss kellu esperjenza twila izda xogholu proprju kien li jsuq u jopera *heavy plant machinery*, kif hemm anke deskritt fid-doveri u r-responsabbiltajiet tieghu[36];

2. Mela l-attur kien ben konsapevoli tal-fatt li fil-kors tax-xoghol tieghu huwa kien ser ikun qieghed ihaddem taghmir u apparat ta' certu piz u portata, forsi anke skabruz. **Dan ifisser li skont l-obbligi tieghu fil-ligi huwa kellu wkoll juza prudenza u attenzjoni ragjonevoli mehtiega <u>fl-ambitu ta' dak it-tip ta' xoghol</u>** u cioe' li jimmanigja taghmir goff u tqil bil-galbu u b'attenzjoni biex jevita li jwegga' hu jew li jwegga lil haddiehor;

3. Fil-kaz tal-lum l-attur kien certament konsapevoli tal-fatt li l-pipe li htieglu jpoggi bejn il-gabina u l-bowser ma kienx qasir u li l-*coupling* fit-tarf tieghu kien ta' certu piz. Mill-provi rrizulta li effettivament lill-attur il-pajp "harablu minn idejh" u dan ghall-Qorti jfisser li f'dak il-mument huwa ma kienx qieghed jimmanigjah u jzommu b'kawtela bizzejjed biex jevita li dan isehh. Li kieku l-attur kien qieghed izomm il-pajp sew u b'kawtela ordinarja probabbilment dan ma kienx jizgiccalu minn idejh. Tfakkar il-Qorti li dan l-operat kien ta' natura ordinarja u frekwenta ghall-attur, ghalhekk ta' familjarjeta' kbira ghalih.

4. Di piu', fil-mument li sehh l-incident il-bowser kien mitfi. Mela l-element tal-vibrazzjoni fil-pajp li jkun prezenti meta t-trakk ikun mixghul kien ukoll assenti f'dan il-waqt b'dana li l-attur ma kellux dan il-fattur addizzjonali li seta' b'xi mod jirrendilu l-immanigjar tal-pajp aktar difficli biex jistivah.

---

36 Fol 128

Ta’ dan kollu, l-attur ukoll ghandu jgorr il-parti tieghu tar-responsabbilita’.

**Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti sejra tilqa’ l-eccezzjonijiet (d) u (e) tas-socjeta’ konvenuta safejn kompatibbli ma’ dak appena deciz.**

**Fic-cirkustanzi, l-Qorti tqis li r-responsabilta’ ta’ kull parti ghall-incident ghandha tkun ta’ hamsin fil-mija (50%).**

## 4. Likwidazzjoni u hlas ta’ danni

In vista tal-konkluzjonijet taghha dwar ir-responsabilta’ ghall-incident *de quo*, il-Qorti sejra tghaddi biex tikkunsidra t-tieni u t-tielet talba tal-attur dwar il-likwidazzjoni u hlas ta’ danni.

L-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta) jipprovdi illi –

*“**1045.** (1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-disposizzjonijiet ta’ qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, ittelf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta’ qligħ li tbati ’l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta’ jġib.*

*(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b’mod partikolari, ix-xorta u grad ta’ inkapaċità ikkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara.”*

Fis-sistema taghna, id-danni likwidati jkopru kemm dawk attwali (*damnum emergens*) u kemm dawk li jolqtu telf ta’ qliegh futur (*lucrum cessans*).

Fil-kaz **Joseph Zammit vs Joseph Bonello deciz fil-25 ta' Frar 2016**[37] din il-Qorti diversament preseduta gabret rassenja tal-principji generali applikabbli f'din il-materja kif rassodati fil-gurisprudenza matul is-snin:

*"Illi tali regoli gew supplementati u interpretati bil-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija **"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"** – A.C. dec. fit-22 ta' Dicembru 1967, li tat l-origini ghal hekk imsejha multiplier system, li pero` giet aggustata ghaz-zminijiet aktar recenti peress li, kif intqal fil-kawza **"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"** – A.C. dec. fis-16 ta' Novembru 1983, "ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu." Ghalhekk, il-Qrati taghna rritenew li ghandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibli o meno rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f' **Butler vs Heard**. Hekk gie ritenut li ghandhom juzaw "l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi – **"Savona vs Asphar"** App. Deciz fit-23 ta' Gunju 1952; u li "ghandu jintuza bhala bazi wkoll f'dan il-kaz bid-differenza li n-numru ta' snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut." ("**Emanuel Mizzi vs Carmel Attard**":- 13.5.2003); u li "dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabilta`. Inoltre` d-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta ghal ebda revizjoni. Ghalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikorrispondi kemm jista' jkun mar-realta`." – **"Francis Sultana vs John Micallef et noe et"** – Appell deciz fl-20 ta' Lulju 1994.*

*Madankollu, fil-kaz **"Paul Debono vs Malta Drydocks**" P.A. deciza fis-27 ta'*

[37] Rik Gur 836/01LSO

*April 2015, intqal:*

*"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tallucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, biex valjati c-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l-inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti dannegjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja."*

***Multiplier***

*Il-kwistjoni tal-multiplier li normalment jintuza bhala mezz biex it-telf ta' qligh li jinghata d-dannegjat jigi kalkolat, hija wahda li dwarha l-Qrati Taghna f'dawn l-ahhar zminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bhala:*

*"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases."* ***(Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).***

*Ghalhekk gie ritenut li l-multiplier irid jinkorpora fih dak l-element ta' 'chances and changes of life' jew 'vicissitudes of life'.*

*Fil-kaz "**Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace**" Appell deciz fil-5 ta' Marzu 1986) gie ribadit li:*

*"In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettattiva tal-hajja in generali tad-dannegjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes of life'."*

*Il-multiplier gie definit kif gej:*

*"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income." (**The law of Tort- W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p.228**).*

*Gie stabbilit li l-mulitplier ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, (App. Civ. 16.11.1983 fil-kawza fl-ismijiet **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri**) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.*

*Minbarra dan il-bixra ta' hsieb wara sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qeghda xxaqleb lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu ifixklu l-ghoti ta' kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkostanzi. Wahda minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn ghal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbez l-ghoxrin (20). Ghar-ragunijiet li l-Qorti ghandha tfittex qabel kull haga ohra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga'*

*tqieghed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-incident[38]. Illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji[39].*

*Dwar il-qies tal-multiplier jkun xieraq li wiehed jaghmel referenza wkoll ghal dak li hu mghallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jinghad li:*

*"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expectation of life of the dependants…There must also be a discount for the uncertainties of life….discount must also be made for the fact that dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death….." (**Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz. 1986, pag.53).***

***Tnaqqis minhabba lump sum payment***

*Illi dwar il-lump sum jinghad illi fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe**." (P.A. (JSP) deciza fil-5 ta' Ottubru 1995, intqal:*

*"Fir-rigward ghal-'lump sum payment' il-Qorti jidhrilha li m'ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal 'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis*

[38] ***"Borg pro et noe vs Muscat"** P.A. deciza fid-9 ta' Jannar 1973.*

[39] *Ara "**Mary Bugeja noe et vs George Agius noe**" – App. Deciza fis-26 ta' Lulju 1991; "**Vincent Axisa vs Alfred Fenech et**" (P.A. 16 ta' April 1991); "**Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon"** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju 1984.*

*ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data."*

*Aktar recentement, il-Qorti tal-Appell, fil-kaz* ***"Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri"*** *deciza fis-27 ta' Frar 2004, irrabadiet li –*

*"Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba lump sum payment id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv."*

*Skont kriterju li gie elucidat u applikat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz* ***"Jos Agius vs All Services Ltd."*** *(P.A. TM 1809/01 deciza fit-2 ta' Gunju '05) "f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ('lump sum payment') lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza."*

*Izda, gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawza, dan ghaliex "jekk id-dannegjat ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction". (Ara "****Agius vs Fenech****" P.A. deciza fid-29 ta' Ottubru 2003, "****Sylvester Tabone vs Carmen Abela"**** P.A. deciza fil-25 ta' Novembru 2013 u* ***"Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard Ltd****." P.A. deciza fit-12 ta' Novembru 2012).*

B'applikazzjoni tal-principji suesposti ghall-kaz odjern, il-Qorti tibda billi tosserva illi minkejja li l-attur gie meqjus "tajjeb ghax-xoghol" mill-Bord

Mediku mahtur apposta b'effett mit-13 t' Ottubru 2008[40], irrizulta bhala fatt u ma giex kontestat li huwa ma kienx f'qaghda li jkompli jaghmel ix-xoghol li kien jaghmel qabel tant li nghata *light duties*[41].

Ferm il-premess il-Qorti taghmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

***Damnum Emergens***

L-attur ressaq biss lil Melchior Refalo, fizjoterapista, li kien ghamillu xi sessjonijiet ta' terapija fuq medda ta' circa erba' xhur[42]. L-attur pero' ma ta ebda hjiel jekk din it-terapija saritx f'xi poliklinika tal-Gvern jew privatament. U jekk saret privatament la esibixxa ricevuti u lanqas indika *se mai* kemm hallas.

Fic-cirkustanzi l-Qorti ma hi se takkorda ebda danni fir-rigward.

Ukoll, ghalkemm l-attur semma kura u konsulenzi li kellu jiehu minghand tobba minhabba l-incident, huwa ma ta ebda indikazzjoni jekk din il-kura hadhiex kollha l-isptar jew privatament.

La l-attur ma gab ebda prova dwar dan, il-Qorti ma hi ser takkorda ebda *damnum emergens*.

***Lucrum Cessans***

a. Ghal dak li huwa **persentagg ta' dizabilita'**, dan gie stabbilit ghal **tnejn fil-mija (2%)** mill-espert mediku tal-Qorti l-kirurgu Charles Grixti.

---

[40] Fol 150
[41] Fol 171
[42] Fol 141

b. Dwar **il-multiplier**, jirrizulta mill-karta tal-identita' tieghu fuq l-FS3s esibiti[43] li huwa twieled circa fl-1965, li jfisser li fid-data tal-incident kellu madwar 43 sena. A bazi tac-*chart* citata minn din il-Qorti stess fis-sentenza taghha **Michael Busuttil vs Magdalena Abela deciza fit-30 ta' Mejju 2016**[44] il-Qorti sejra tadotta l-**multiplier ta' hmistax (15) il-sena**, liema multiplier qieghed ukoll jaghmel tajjeb ghall-fattur tac-*chances* u c-*changes of life*.

c. Ghal dak li huwa **salarju**, l-attur prezenta l-FS 3s ghas-snin bejn l-2003 u l-2010. Id-dhul tal-attur fil-perjodu li jibda minn sentejn qabel sa sentejn wara l-incident huwa dan:

2006 – €15,774

2007 – €13, 517

2008 – €12, 469

2009 – €12, 463

2010 – €12, 793

Total: €67,016[45]

[43] Fol 119 et seq
[44] Rik Gur 118/14
[45] Kakolu ta' l-ammont gross ricevut.

Il-Qorti ser tikkalkula ghalhekk fuq is-somma medja ta' **tlettax il-elf Ewro (€13,000)** liema rata ghandha titqies li taghmel tajjeb ukoll ghall-gholi tal-hajja wara l-2008.

Ghal dak li jirrigwarda t-tnaqqis minhabba li l-hlas ser isir f'daqqa (***lump sum payment***), il-Qorti tinnota li l-kawza nfethet circa sentejn wara l-incident u s-sentenza sejra tinghata circa seba' snin wara li gew intavolati dawn il-proceduri. Fic-cirkustanzi l-Qorti tqis li **t-tnaqqis ghandu jkun ta' 10%.**

L-ammont ta' ***lucrum cessans*** sejjer ghalhekk jigi kalkulat kif gej:

€13,000 x 2% x 15 = €3,900 – 10% = €3510 (tlett elef hames mija u ghaxar Ewro).

Ghaldaqstant u a bazi tar-responsabilta' ugwali li l-partijiet ghandhom igorru ghal dan l-incident, is-socjeta' konvenuta ghandha thallas lill-attur nofs din is-somma u cioe' **elf seba' mija u hamsa u hamsin Ewro (€1,755.00,0).**

**In vista tas-suespost, l-eccezzjoni (g) tas-socjeta' konvenuta sejra wkoll tigi respinta**. Ghal kull buon fini jigi osservat ukoll fir-rigward ta' din l-eccezzjoni li l-kumpens moghti f'kawzi ta' din ix-xorta huwa kumpens marbut mal-konsegwenzi sofferti minhabba dizabilita' permanenti ndipendentement minn kwalunkwe ntrojtu mill-istess impjieg jew impjieg iehor in segwitu ghall-incident.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba tal-attur limitatament billi tiddikjara li r-responsabilta' ghall-incident li fih huwa korra fuq il-post tax-xoghol nhar it-18 ta' Mejju 2008 ghandha tinqasam bin-nofs bejn il-partijiet;**

2. **Tilqa' t-tieni talba u tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' elf seba' mija u hamsa u hamsin Ewro (€1,755.00,0);**

3. **Tilqa' t-tielet talba u tordna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elf seba' mija u hamsa u hamsin Ewro (€1,755.00,0);**

4. **Tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta safejn biss huma kompatibbli ma' dak hawn deciz u tichadhom fil-bqija;**

5. **L-ispejjez tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet;**

6. **L-imghax legali jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**John Muscat**
**Dep. Reg.**